**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 35 - IT-TLIETA 14 TA' LULJU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fis-19:34) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-19:39) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fit-19:39) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Il-laqgħa bdiet titmexxa mill-Viċi Sindku minħabba li s-Sindku kienet għadha ma waslitx.

1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Galea kien infurmah li se jittardja filwaqt li l-Kunsillier Sciberras infurmah li ma jistax jattendi. Kopja tal-email mingħand il-Kunsillier Sciberras annessa f'A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mil-Viċi Sindku u mis-SE.

2.3. F'dan il-ħin waslet is-Sindku u kompliet tmexxi l-laqgħa hi.

2.4. Il-Viċi Sindku għamlet riferenza għall-para. 3.4 fejn esprimiet li taqbel perfettament mal-kontenut iżda xtaqet iżżid li kważi l-Kunsillieri kollha taw il-kontribut tagħhom bħala parteċipazzjoni u għalhekk għandhom ikunu msemmija min huma b'rikonoxximent għall-isforz li għamlu. Infatti kienu biss il-Kunsillieri Sciberras u Sammut li m'attendew għall-ebda attività/laqgħa.

2.5. Is-Sindku semmiet li r-ringrazzjamenti kienu intiżi biss fuq bażi ta' organizzazzjoni.

2.6. Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar para. 7.5 dwar allegat xogħol ta' tarmak mhux pulit u para. 7.6 dwar ġebel fil-kantuniera tal-Bye Pass ma' Triq il-Għargħur. Is-SE informa

li dwar tal-ewwel kien ġibed l-attenzjoni tal-Perit filwaqt li t-tieni kien kiseb stima aħjar mingħand il-*handymen* tal-Kunsill u għalhekk ordna x-xogħol mingħandhom.

2.7. Is-Sindku staqsiet dwar il-proġett tal-*mobile application* fejn is-SE informa li għadu ma rċieva xejn mingħand il-Managing Authority.

2.8. F'dan il-ħin waslu l-Kunsillieri Galea u Agius.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

3.1. Is-SE ressaq talba mingħand Breakers Cafè biex il-Kunsill joħroġ *no objection* biex ikunu jistgħu ikabbru l-bankina ta' quddiem il-ħanut għal skop ta' tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li max-xogħol jinkludu wkoll *railing* mad-dawra bħala sigurtà mat-triq u li jkun hemm ukoll separazzjoi bejn il-passaġġ għall-pubbliku u ż-żona tal-imwejjed.

3.2. Saret talba mingħand Identity Malta biex il-Kunsill iqassam avviżi lir-residenti hu dwar it-tibdil tal-karti tal-identità. Il-Kunsill ma qabilx għaliex m'għandux jidħol għal spejjeż li għandhom isiru minn entitajiet oħra. Madanakollu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li juża l-mezzi tas-*social media* tal-Kunsill.

3.3. Is-SE fakkar li kien bagħat email dwar oġġezzjonijiet minn xi residenti minħabba li nqalgħu il-bankijiet ta' ħdejn il-każin tal-Peace. Is-Sindku ssuġġeriet laqgħa bejn rappreżentanti tal-Każin Peace u l-persuna li kiteb l-ittra biex tinstab soluzzjoni bejniethom. Il-Kunsill qabel.

3.4. Is-Sindku infurmat li hi u s-SE kienu attendew għal tlett ijiem kors (mill-Ħamis 9 sas-Sibt 11 ta' Lulju) relatat mal-*leadership academy* tad-DLG.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARI U INFIQ

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

4.2. Il-Kunsill approva wkoll il-listi ta' dħul u infiq għax-xahar ta' Ġunju kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

## 5. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

5.1. Il-Kunsill qabel li għandu jkun il-Kumitat tal-finanzi li jaġġudika l-offerti u jitressaq ir-rapport fil-laqgħa tal-Kunsill li jkun imiss.

## 6. RAPPORTI MINN KUMITATI/SOTTOKUMITATI

6.1. Is-Sindku infurmat li l-ġimgħa ta' wara l-laqgħa kienet se tlaqqa' s-sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa.

6.2. Il-Viċi Sindku infurmat li ltaqgħet ma' rappreżentanti ta' Naxxar Starlites li esprimew ix-xewqa li fin-Naxxar ikun hawn aktar tagħrif dwarhom. Għal dan il-għan huma xtaqu li fil-bini tal-Kunsill ipoġġu vetrina bit-trofej li kisbu. Il-Kunsill qabel li l-aktar post addattat huwa fejn il-Malta Post iżda, qabel ma jikkonferma, għandhom jipprovdu disinn tal-vetrina. Il-Kunsill qabel ukoll li tali arranġament ikun jinkludi li l-Kunsill ikollu dritt li jitlob it-tneħħija tal-vetrina bi pre-avviż ta' tliet xhur.

6.3. Il-Viċi Sindku infurmat li xtaqu wkoll li jwaħħlu banner fil-*multipurpose pitch*. Il-Kunsill qabel.

6.4. Naxxar Starlites issuġġerrew ukoll lill-Kunsill biex joffri trofej bħala okkażjoni ta' preżentazzjonijiet fi tmiem l-istaġun għall-aħjar plejers jew oħrajn li jkunu ddistingwew ruħhom. Il-Kunsill qabel li xi ħaġa bħal din għandu jestendiha lill-każini sportivi kollha biex kulħadd ikollu l-opportunità li jkun rikonoxxut.

## 7. APPROVAZZJONI TA' DEĊIŻJONIJIET MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI

7.1. Is-SE ippreżenta lista bid-deċiżjonijiet mill-kumitat tal-ilmenti li kienet meqjusa moqrija.

7.2. Il-Kunsill approva d-deċiżjonijiet kollha meħuda. Lista hija annessa f'E.

## 8. ATTIVITAJIET GĦAX-XHUR LI ĠEJJIN

8.1. Is-Sindku tkellmet dwar l-attività ppjanata għall-aħħar ta' Ottubru. Hija infurmat li kienet issejħet laqgħa għall-għaqdiet kollha lokali u deher li hemm interess f'din l-attività għalkemm fl-ewwel laqgħa attendew biss rappreżentanti mill-każini tal-baned u l-parroċċa. Se ssir laqgħa oħra it-Tnejn 20 ta' Awwissu ħalli l-kordinazzjoni ssir kemm jista' jkun malajr.

8.2. Is-SE staqsa dwar l-attività tal-Milied.

8.3. Is-Sindku infurmat li l-Gvern Ċentrali ma kienx se jalloka fondi lill-Kunsill għal din l-attività. Il-Kunsill però qabel li għandha ssir possibilment bl-involviment dirett tal-għaqdiet lokali.

8.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti għad-dawl tal-Milied bl-armar b'kollox. Possibilment id-dawl għandu jkun l-istess bħal dak li konna narmaw sal-Milied 2013 (LED's) u jkun estiż kemm aktar il-fuq kif ukoll aktar l-isfel.

## 9. CO-OPTION TA' MEMBRU FIL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

9.1. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv biex, wara r-riżenja tas-Sur Joe Micallef, ikun maħtur is-Sur Joe Bonello bħala membru ġdid fil-Kumitat.

9.2. Is-Sur Bonello kien diġà iservi bħala membru fil-Kumitat preċedenti.

## 10. XOGĦLIJIET TA' TISWIJA TAT-TOROQ

10.1. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur tat-tiswija tat-toroq. Saret żjara fi Triq l-Għenieq u Vjal il-21 ta' Settembru.

10.2. Kien spjegat lill-Kuntrattur kif il-Kunsill jixtieq li ssir it-tiswija bħala traqqiegħ maġġuri u ttieħdet nota tal-postijiet kollha bi problema u li kienu jeħtieġu tiswija.

10.3. Issa qed nistennew li jintbagħatu l-istimi.

10.4. Is-Sindku infurmat li fl-opinjoni tagħha Vjal il-21 ta' Settembru hija l-aktar importanti u kien għalhekk li, minħabba l-ammont li jidher meħtieġ, ħasset li kien inutli li jsiru żjarat f'toroq oħra f'dan l-istadju.

## 11. ARTI FI SPAZJI PUBBLIĊI

11.1. Il-Kunsillier Galea informa li huwa kien attenda laqgħa imsejħa apposta għal din l-iskema fejn kien spjegat il-kunċett meħtieġ. Huwa informa li possibilment iridu jkunu l-artisti infushom li jagħżlu Kunsill bħala sieħeb fl-inizjattiva. Informa wkoll li x-xogħlijiet iridu jkunu interattivi. Minn Malta u Għawdex iridu jintgħażlu biss sitt proposti.

11.2. Is-Sindku infurmat li kienet ġiet avviċinata mill-Artist Austin Camilleri u kien hemm ukoll artisit ieħor Adrian Abela li wkoll avviċina l-Kunsill.

11.3. Kien hemm qbil li ssir diskussjoni mal-artisti.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Awwissu 2015.

12.2. Is-SE ġibed l-attenzjoni li huwa se jkun qiegħed fuq btala personali u familjar bejn il-Ħamis 6 u l-Ħamis 13 ta' Lulju u għalhekk mhux se jkun possibli li jlesti dak kollu meħtieġ għal-laqgħa. Il-Kunsill però ma sab l-ebda oġġezzjoni u talab biex fl-aġenda jiddaħħal biss dak li hu essenzjali.

12.3. Il-laqgħa intemmet fid-21:42.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***

**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

A

Paul Gatt <[redacted]>

**Laqgha tal-Kunsill numru 35 - It-Tlieta 14 ta' Lulju 2015**

**Pierre Sciberras** <[redacted]> 12 July 2015 at 19:47
To: Paul Gatt <[redacted]>, "Mayor Maria F. Deguara" <[redacted]>

Paul

Minhabba cirkustanza urgenti li inqalatli ma nistax nattendi nhar it tlieta.

P

[Quoted text hidden]

B

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 35

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-4 ta' Gunju 2015 sas-7 ta' Lulju 2015

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | A6iT Ltd | €54.98 | €54.98 | D | PF | Naxxar Website host [29/09/15 till 28/09/16] | 01-06-15 | 2075 | n/a | n/a | 3110 | |
| 2 | Adam Falzon | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for deposit of machinery in Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18799 |
| 3 | Adi Associates Ltd | €172.67 | €172.67 | T | PF | Review of planning applications - May 15 | 28-05-15 | 1556 | n/a | n/a | 3130 | |
| 4 | Aldo Bajada | €720.00 | €720.00 | D | PF | Dinner for 60 persons on the 5/6/2015 re. Project Authentic Europe | 05-06-15 | Nxr 1/15 | 5204b | 5204b | 3370 | |
| 5 | Alexander Agius | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18807 |
| 6 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - May 15 | 01-06-15 | 69 of 2015 | n/a | n/a | 3140 | |
| 7 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Jun 15 | 01-07-15 | 85 of 2015 | n/a | n/a | 3140 | |
| 8 | Anna Formosa | €1,080.00 | €1,080.00 | D | PF | 6 preparatory meetings; delivery of 14 workshops; writing, editing, production and collection of leaflets - Kreanza Project | 15-06-15 | 11_15 | 5096b | 5096b | 3380 | |
| 9 | Anna Formosa | €32.81 | €32.81 | D | PF | Reimbursement for expenses incurred due to the Kreanza Project | 15-06-15 | 12_15 | n/a | n/a | 3410 | |
| 10 | Anne Marie Muscat Fenech Adami | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18803 |
| 11 | Arms Ltd | €14.61 | €14.61 | D | PF | Electricity & water consumption bill for the Old Mill in Triq Giuseppe Stivala [3/4/2015 till 15/5/2015] | 04-06-15 | 20453305 | n/a | n/a | 2130 | 18735 |
| 12 | Ayfer Aquilina | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for deposit of machinery in Triq San Mark | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18798 |
| 13 | Bank of Valletta | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Eghnieq | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18739 |
| 14 | Bitmac Works Ltd | €191.10 | €191.10 | K | PF | Instant road repair | 10-06-15 | 117661 | 5208 | 5208 | 2311 | |
| 15 | Bitmac Works Ltd | €509.60 | €509.60 | K | PF | Instant road repair | 03-07-15 | 118458 | 5225 & | 5225 & | 2311 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | 5226 | 5226 | | |
| 16 | Carol Cassar | €750.00 | €750.00 | D | PF | Tuition of Aerobics Class & 2 Pilates Classes for Naxxar | 03-07-15 | 2 | 5144 | 5144 | 3381 | |
| 17 | Cash | €98.93 | €98.93 | D | PF | Petty cash - end of May 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 18732 |
| 18 | Cash | €99.09 | €99.09 | D | PF | Petty cash - end of Jun 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 18813 |
| 19 | CDA Ink & Toner Ltd | €133.97 | €133.97 | D | PF | 3 toners for office printers | 03-06-15 | 11819 | 5201 | 5201 | 2670 | |
| 20 | Central Asphalt Ltd | €489.87 | €489.87 | T | PF | Footpath repair works at Triq San Pawl | 10-06-15 | 53804 | n/a | n/a | 2314 | |
| 21 | Central Asphalt Ltd | €117.80 | €117.80 | T | PF | Raising of manhole covers to new levels at Triq San Pawl | 10-06-15 | 53805 | n/a | n/a | 2370 | |
| 22 | Central Asphalt Ltd | €198.55 | €198.55 | T | PF | Road works at Triq is-Sikka, BIC (major patching) | 10-06-15 | 53806 | n/a | n/a | 2311 | |
| 23 | Central Asphalt Ltd | €8.85 | €8.85 | D | PF | Concrete slabs for Culvert works in Triq il-Bajtar | 30-06-15 | 54026 | 5223 | 5223 | 2310 | |
| 24 | Charles Attard | €30.00 | €30.00 | D | PF | Reimbursement for expense incured for the purchase of 1 new pot c/w tray of plastic | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 18786 |
| 25 | Charlotte Borg | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Pjazza Darnino | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18794 |
| 26 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - May 15 | 10-06-15 | 29 | n/a | n/a | 3051 | |
| 27 | Clifford Galea | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18804 |
| 28 | Clinton Sammut | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18805 |
| 29 | CSD Office Trade | €79.59 | €79.59 | D | PF | American archive boxes, clip boards double pvc coated black, correction disposable machines, etc | 26-06-15 | 53798 | 5217 | 5217 | 2620 | |
| 30 | Datatrak IT Services | €10.17 | €10.17 | D | PF | 1 pre regional ticket paid in May 15 | 31-05-15 | 1011130 | n/a | n/a | 3610 | |
| 31 | Department of Information | €18.64 | €18.64 | D | PF | Adverts on Govt Gazette re. bbq activity of Naxxar Lions FC & MLP (adverts dated 26/06/2015 & 10/07/2015 respectively) | n/a | n/a | 5219 | 5219 | 2940 | 18800 |
| 32 | Dimbros Ltd | €475.23 | €475.23 | K | PF | Bulky refuse collection - May 15 | 01-06-15 | 898 | n/a | n/a | 3042 | |
| 33 | Dimbros Ltd | €523.39 | €523.39 | K | PF | Bulky refuse collection - Jun 15 | 01-07-15 | 922 | n/a | n/a | 3042 | |
| 34 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - May 15 | 31-05-15 | 13203 | n/a | n/a | 3061 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | G4S Security Services Ltd | €354.00 | €354.00 | D | PF | Cash collection service - May 15 | 31-05-15 | GS012430 | n/a | n/a | 3190 | |
| 36 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - May 15 | 29-05-15 | 2707 | n/a | n/a | 3130 | |
| 37 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Jun 15 | 30-06-15 | 2712 | n/a | n/a | 3130 | |
| 38 | Gauci Borda & Co. Ltd | €411.68 | €411.68 | D | PF | Purchase of Flags x8 & flags swivel brass x6 | 01-06-15 | 127472 | 5146 | 5146 | 2240 | |
| 39 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Jun 15 (21416363) | 08-06-15 | 43801014 | n/a | n/a | 2160 | 18782 |
| 40 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Jun 15 (21417224) | 08-06-15 | 43800940 | n/a | n/a | 2160 | 18783 |
| 41 | Go plc | €162.15 | €162.15 | D | PF | Rental charge - Jun 15 (21416341) & usage charge - May 15 (21416341) | 08-06-15 | 43801010 | n/a | n/a | 2160 | 18784 |
| 42 | Golden Gate Co. Ltd | €15.69 | €15.69 | D | PF | Carton Folders A4 | 03-06-15 | 457243 | 5202 | 5202 | 2620 | |
| 43 | Grace Camilleri | €170.82 | €170.82 | D | PF | Branch librarian services - May 15 | 08-06-15 | May-15 | n/a | n/a | 2995 | |
| 44 | Grace Camilleri | €128.12 | €128.12 | D | PF | Branch librarian services - Jun 15 | 01-07-15 | Jun-15 | n/a | n/a | 2995 | |
| 45 | GS Superstore | €279.02 | €279.02 | D | PF | Snacks & coffee for the conference room | n/a | n/a | 5203 | 5203 | 3320 | |
| 46 | Image Systems Ltd | €67.33 | €67.33 | D | PF | Ink per page for office photocopier - May 15 | 31-05-15 | FSMA/115680 | n/a | n/a | 2670 | |
| 47 | Insight Furniture Fittings | €29.55 | €29.55 | D | PF | New lock & handle for main door of Naxxar Day Centre Hall | 10-06-15 | 10398000 | 5208a | 5208a | 2375 | |
| 48 | Intersteel & fence Ltd | €3,114.00 | €3,114.00 | K | PF | Base preparation & levelling to correct levels; Supply & installation of field turf prestige 60mm artificial turf at Gnien Santa Marija tal-Angli, BIC | 18-06-15 | 3239 | 5179 & 5180 | 5179 & 5180 | 2310 | |
| 49 | J&S Store | €135.31 | €135.31 | D | PF | Brushes, spray gold, white spirit, masking tape, sand papers, etc | 18-05-15 | 7562 | 5190, 5192, 5194 & 5197 | 5190, 5192, 5194 & 5197 | 2210 | |
| 50 | J&S Store | €179.70 | €179.70 | D | PF | Spek float, bulb, screws, fuse box, etc | 27-05-15 | 7568 | 5197, 5200, 5205 & 5209 | 5197, 5200, 5205 & 5209 | 2210 | |
| 51 | J&S Store | €32.74 | €32.74 | D | PF | Floor cutters, keys, nut & washer, fuses, etc | 15-06-15 | 7577 | 5213 | 5213 | 2210 | |
| 52 | Jean Paul Sammut | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq it-Torri tal-Ghallis | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18796 |
| 53 | Jenny Mercieca | €50.00 | €50.00 | D | PF | Filming & editing of event for the Kreanza Project | 05-06-15 | 4 | n/a | n/a | 3370 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Joe Bartolo | €492.00 | €492.00 | D | PF | Hrs performed with NLC handymen | 09-06-15 | Nxr 1/15 | 5121 | 5121 | 3410 | |
| 55 | Joseph T. Demanuele | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq ic-Ciek | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18801 |
| 56 | Josette Zarb | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Argentina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18793 |
| 57 | Joyce Gauci | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Andrea Debono | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18791 |
| 58 | Jurgen Attard | €1,449.00 | €1,449.00 | T | PF | Handyman service - May 15 | 31-05-15 | May-15 | n/a | n/a | 3125 | 18737 |
| 59 | Jurgen Attard | €375.00 | €375.00 | D | PF | Removal of rubble in Triq il-Gharghur | 22-06-15 | 158742 | 5216 | 5216 | 2310 | |
| 60 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Football ground warden - Jun 15 | 30-06-15 | 158743 | n/a | n/a | 3191 | |
| 61 | Jurgen Attard | €1,535.90 | €1,535.90 | T | PF | Handyman service - Jun 15 | 30-06-15 | Jun-15 | n/a | n/a | 3125 | 18816 |
| 62 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €170.53 | €170.53 | K | PF | 5 no heavy vehicles signs | 15-06-15 | 20950 | 5211 | 5211 | 2313 | |
| 63 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €85.69 | €85.69 | K | PF | 2 no stopping signs c/w poles & brackits; 2 arrow signs | 11-06-15 | 20951 | 5183, 5210 | 5183, 5210 | 2313 | |
| 64 | Leo's Garage Paramount | €252.66 | €240.95 | K | PF | Transport service for the elderly & bic cultural tour - Apr 15 less credit note 31000216 | 04-05-15 | 10001571 | 5149 | 5149 | 2720 | |
| 65 | Mailbox Services Ltd | €101.23 | €101.23 | D | PF | Door to door distribution of TCTC flyers for the adult courses held in Jan 15 [as per agreement with TCTC] | 22-06-15 | 2644 | n/a | n/a | 2640 | |
| 66 | Maria Deguara | €705.04 | €705.04 | D | PF | Mayor's allowance - Jun 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 67 | Maria Deguara | €640.00 | €640.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18802 |
| 68 | Mario Mallia | €1,101.62 | €1,101.62 | D | PF | Black road marking paint, yellow paint, white paint & thinner | 25-06-15 | 206 | 5215 | 5215 | 2312 | |
| 69 | Maryanne Cuomo | €600.00 | €600.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18810 |
| 70 | Master Cellars | €198.00 | €198.00 | D | PF | 20 palatino SC Syrah 75cl & 20 palatino SC Vermentino 75cl | 05-06-15 | 22544 | 5205a | 5205a | 3410 | |
| 71 | Melita plc | €19.98 | €19.98 | D | PF | TV monthly service - Jun & Jul 15 | 01-06-15 | 101435276 | n/a | n/a | 2165 | 18734 |
| 72 | Melita plc | €133.46 | €133.46 | D | PF | Fibre powered internet - Jun 15 & telephony usage - May 15 | 01-06-15 | 101436057 | n/a | n/a | 2160 | 18733 |
| 73 | Melita plc | €128.70 | €128.70 | D | PF | Internet fibre power - Jul 15 & Telephony usage - Jun 15 | 01-07-15 | 101573208 | n/a | n/a | 2160 | 18815 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Naxxar Lions Football Club | €1,040.00 | €1,040.00 | D | PF | Lunch for 52 persons on the 5/6/2015 re. Project Authentic Europe | 05-06-15 | Nxr 1/15 | 5204a | 5204a | 3370 | |
| 75 | Noel Gatt | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18806 |
| 76 | Olimpus Music Ltd | €225.00 | €225.00 | D | PF | Shure wireless handheld microphone | 11-06-15 | D37990 | 5207 | 5207 | 7310 | |
| 77 | Ozosystem Ltd | €3.92 | €3.92 | T | PF | Civic Centre Cleaning for the period Jan - Mar 15 (COLA issue) | n/a | n/a | n/a | n/a | 3055 | 18781 |
| 78 | Ozosystem Ltd | €404.91 | €404.91 | T | PF | Naxxar Civic Centre Cleaning - May 15 | 31-05-15 | 29765 | n/a | n/a | 3055 | |
| 79 | Paul Curmi Dance Co. | €194.70 | €194.70 | D | PF | Live dance perfirmance during the Project Authentic Europe of Jun 15 (5/6/2015) | 27-06-15 | 203 | 5182 | 5182 | 3370 | |
| 80 | Paul Farrugia | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Konti Manduca | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18790 |
| 81 | Paul Gatt | €22.61 | €22.61 | D | PF | Re-imbursement for the use of personal vehicle for Council business - May 15 | 15-06-15 | Nxr 5/15 | n/a | n/a | 2750 | |
| 82 | Paul Gatt | €52.52 | €52.52 | D | PF | Re-imbursement for the use of personal vehicle for Council business - Jun 15 | 01-07-15 | Nxr 6/15 | n/a | n/a | 2750 | |
| 83 | Pauline Miceli | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18808 |
| 84 | Peace Band Club | €612.00 | €612.00 | D | PF | Dinner for 51 persons on the 3/6/2015 Project Authentic Europe | n/a | n/a | 5200b | 5200b | 3370 | |
| 85 | Pierre Sciberras | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillors Remuneration schedule - Jan - Jun 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 18809 |
| 86 | Richie's Ironmongery | €19.99 | €19.99 | D | PF | Liberon Woodstain, pure bristle flat brush, washers, etc | 17-06-15 | 5559aa | 5214 | 5214 | 2210 | |
| 87 | Richie's Ironmongery | €9.75 | €9.75 | D | PF | Ramel, zrar, black cement | 18-06-15 | 5566aa | 5216a | 5216a | 2210 | |
| 88 | Richie's Ironmongery | €9.75 | €9.75 | D | PF | Ramel, zrar, black cement | 18-06-15 | 5564aa | 5216a | 5216a | 2210 | |
| 89 | Richie's Ironmongery | €14.50 | €14.50 | D | PF | Galv. Bolts & galv. Nuts | 22-06-15 | 5577aa | 5218 | 5218 | 2210 | |
| 90 | Richie's Ironmongery | €16.70 | €16.70 | D | PF | Ramel, zrar, black cement | 22-06-15 | 5576aa | 5218 | 5218 | 2210 | |
| 91 | Richie's Ironmongery | €86.04 | €86.04 | D | PF | Black cement, sika level 25kg | 23-06-15 | 5580aa | 5222 | 5222 | 2210 | |
| 92 | Richie's Ironmongery | €20.05 | €20.05 | D | PF | Super filler & 10 rad roll perlon 4" | 30-06-15 | 5605aa | 5224 | 5224 | 2210 | |
| 93 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Cleaning of the Naxxar Public Convenience (Jun 15) | 30-06-15 | Nxr 6/15 | n/a | n/a | 3053 | |
| 94 | SRF & Veladrians | €2,605.20 | €2,605.20 | T | PF | Collection of skips on wheels - Apr 15 | 01-05-15 | 295 | n/a | n/a | 3043 | |
| 95 | SRF & Veladrians | €6,589.34 | €6,589.34 | T | PF | Collection of mixed household waste - Apr 15 | 01-05-15 | 284 | n/a | n/a | 3041 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 | SRF & Veladrians | €2,692.04 | €2,692.04 | T | PF | Collection of skips on wheels - May 15 | 01-06-15 | 296 | n/a | n/a | 3043 | |
| 97 | SRF & Veladrians | €6,976.95 | €6,976.95 | T | PF | Collection of mixed household waste - May 15 | 01-06-15 | 285 | n/a | n/a | 3041 | |
| 98 | Staff wages | €8,083.80 | €8,083.80 | D | PF | Staff wages - Jun 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 99 | The Definitive(ly) Good Guide Co. Ltd. | €354.00 | €354.00 | D | PF | Organisation of the Malta Artisan Market on the 5/6/2015 Project Authentic Europe | 04-06-15 | 3837 | 5200a | 5200a | 3370 | |
| 100 | The Guard & Warden Services House Ltd | €308.88 | €308.88 | D | PF | Traffic management services - May 15 | 31-05-15 | GS002074 | n/a | n/a | 3195 | |
| 101 | Transient Light & Sound Ltd | €245.44 | €245.44 | D | PF | Sound & lighting system for the Kreanza Project | 31-05-15 | 4677 | n/a | n/a | 3370 | |
| 102 | Trevor Zahra | €170.00 | €170.00 | D | PF | 2 worshops & 2 meetings for planning and organising with re. to Kre-anza | 17-06-15 | 1 | 5210a | 5210a | 3410 | |
| 103 | UniJob | €100.00 | €100.00 | D | PF | 4 25kg Sika level for pavement works in Triq l-Ghajnbaqar | 24-06-15 | 25775 | 5221 | 5221 | 2314 | |
| 104 | Victor Mula | €1,449.00 | €1,449.00 | T | PF | Handyman service - May 15 | 31-05-15 | May-15 | n/a | n/a | 3125 | 18738 |
| 105 | Victor Mula | €1,518.00 | €1,518.00 | T | PF | Handyman service - Jun 15 | 30-06-15 | Jun-15 | n/a | n/a | 3125 | 18817 |
| 106 | Victor Xuereb | €120.00 | €120.00 | D | PF | Connected decorative poles at terminus; repaired lamps next to fountain as they were all off due to corrosion and short | 03-06-15 | 10349419 | 5050 | 5050 | 2310 | |
| 107 | Vince Mifsud | €50.00 | €50.00 | D | PF | Playing & singing on the 5/6/2015 Project Authentic Europe | 16-06-15 | 103 | 5204c | 5204c | 3370 | |
| 108 | Vincent Zammit | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Birguma | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18792 |
| 109 | Vodafone MT | €113.30 | €113.30 | D | PF | Telephony monthly bill - May 15 (79404014) | 01-06-15 | 4690278062015 | n/a | n/a | 2160 | 18736 |
| 110 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | D | PF | Telephony monthly bill - May 15 (99370990) | 01-06-15 | 4694144062015 | n/a | n/a | 2160 | 18780 |
| 111 | WasteServ Malta Ltd | €5,436.97 | €2,513.71 | D | PF | Allocated msw waste - May 15 (1st half) | 01-06-15 | 57777 | n/a | n/a | 3040 | |
| 112 | WasteServ Malta Ltd | €5,008.42 | €2,513.71 | D | PF | Allocated msw waste - May 15 (2nd half) | 15-06-15 | 58100 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€78,747.65** | **€73,317.97** | | | | | | | | | |

ċ

**Income list for the month of June 2015** **01-07-15**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0015 | Other Government Income | €15.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €349.50 |
| 0023 | Cultural activities | €144.00 |
| 0025 | Skip Permit | €116.04 |
| 0026 | Crane Permit | €2,805.63 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €32.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €74.51 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €109.24 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €500.00 |
| 0121 | Advertising | €9.32 |
| 0125 | Trenching permits | €13.98 |
| 0200 | Debtors | €989.86 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,740.00 |
| 4007 | Other refundable deposits | €350.00 |
| | **TOTAL** | **€7,249.73** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 14767 |
| | To | 15043 |

**D**

**Purchase Order list for the month of June 2015** **01-07-15**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01-06-2015 | 5200 | J&S Store | Katnazz, bulb, screws, fuse box, mcb, salvavita | €57.18 |
| 01-06-2015 | 5200a | The Definitive(ly) Good Guide Co. Ltd. | Organisation of the Malta Artisan Market on the 5/6/2015 "Project Authentic Europe" | €354.00 |
| 01-06-2015 | 5200b | Peace Band Club | Dinner for 51 persons re Project Authentic Europe | €612.00 |
| 02-06-2015 | 5201 | COA Ink & Toner | Toners | €133.96 |
| 03-06-2015 | 5202 | Golden Gate Ltd | Carton Folders A4 | €15.69 |
| 03-06-2015 | 5203 | GS Superstore | Coffees, snacks and toiletries etc. | €259.85 |
| 03-06-2015 | 5204 | Silvio Chairs | Hire of tables and chairs - Authentic Europe | €270.22 |
| 03-06-2015 | 5204a | Naxxar Lions Football Club | Lunch for 52 persons on the 5/6/2015 re. Project Authentic Europe | €1,040.00 |
| 03-06-2015 | 5204b | Kazin Partit Laburista Naxxar | Dinner for 60 persons on the 5/6/2015 re. Project Authentic Europe | €720.00 |
| 03-06-2015 | 5204c | Vince Mifsud | Playing & singing on the 5/6/2015 Project Authentic Europe | €50.00 |
| 05-06-2015 | 5205 | J&S Store | Floor cloth, soap liquid, large garbage bags, large tape, etc | €95.60 |
| 05-06-2015 | 5205a | Master Cellars | Palatino Syrah & Palatino Vermentino "Project Authentic Europe" | €198.00 |
| 10-06-2015 | 5206 | Anton Zarb | Supply of removalable and lockable bollard - Pjazza Toni Bajjada | €472.62 |
| 10-06-2015 | 5207 | Olimpus Music Ltd | 1 Shure Wireless Handheld microphone | €225.00 |
| 10-06-2015 | 5208 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €191.30 |
| 10-06-2015 | 5208a | Insight Furniture Fittings | Lock & handle for Naxxar Day Centre main door | €29.55 |
| 11-06-2015 | 5209 | J&S Store | Ramel, bulb, sillicone, box of screws | €11.92 |
| 11-06-2015 | 5210 | Koptasin | 2 arrow signs (In addition to po 5183) | €15.20 |
| 11-06-2015 | 5210a | Trevor Zahra | 2 worshops & 2 meetings re Kre-anza Project | €170.00 |
| 12-06-2015 | 5211 | Koptasin | No heavy vehicles signs - Triq il-Parrocca | €179.50 |
| 12-06-2015 | 5212 | James Decelis | Assessment report | €50.00 |
| 17-06-2015 | 5213 | J&S Store | Keys, fuses, bolts & nuts, black cement, floor cutters | €32.74 |
| 17-06-2015 | 5214 | Richie's Ironmongery | Liberon woodstain, pure bristle flat brush, washers, etc | €19.99 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 17-06-2015 | 5215 | Mario Mallia | Traffic road marking paint | €1,101.77 |
| 18-06-2015 | 5216 | Jurgen Attard | Removal of rubble from Triq Il-Gharghur | €375.00 |
| 18-06-2015 | 5216a | Richie's Ironmongery | Ramel, zrar, black cement | €19.50 |
| 22-06-2015 | 5217 | CSD Office Trade | Stationary | €79.59 |
| 22-06-2015 | 5218 | Richie's Ironmongery | Galv. Bolts, galv. Nuts, ramel, zrar, black cement | €31.20 |
| 23-06-2015 | 5219 | DOI | Adverts on Govt Gazette re. bbq permits re Naxxar Lions & PL | €18.64 |
| 24-06-2015 | 5220 | Koptasin | Street name 'Triq is-Salib', … | |
| 24-06-2015 | 5221 | Uni Job | 4 Sika level 100 25kgs | €100.00 |
| 24-06-2015 | 5222 | Richie's Ironmongery | 3 Sika level 100 25kgs & black cement | €86.07 |
| 26-06-2015 | 5223 | Central Asphalt Ltd. | Concrete slab for Triq il-Bajtar | €8.85 |
| 26-06-2015 | 5224 | Richie's Ironmongery | Super filler & 10 rad roll perlon 4" | €20.05 |
| | | | **Total** | **€7,044.99** |

**E**

# Lista ta' ilmenti bid-decizjonijiet kif mehuda mill-Kumitat tal-Ilmenti fid-19 ta' Gunju 2015

| Case No. | Description of work | L-isem tat-triq | Zone | Decision by Council - if applicable |
|---|---|---|---|---|
| 3109 | Talba biex Triq Guzeppe Stivala issir one way fil hinijiet tal-iskejjel. Aprox. 7.30am - 8.30am u 3.00pm - 4.00pm | Giuseppe Stivala | Centru | Il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li Triq Giuseppi Stivala ssir f'direzzjoni waħda minn Triq Leli Falzon fid-direzzjoni ta' Triq l-Imdina. Madanakollu għandha tissejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti involuti li huma ta' Triq G Stivala u Triq is-Sejjieħ. Kemm-il darba ssir one way, tkun applikabbli l-ġurnata kollha u mhux bil-ħin. |
| 3123 | Talba biex issir road hump | E. Bradford | San Pawl tat-Targa | Il-Kunsill fil-prinċipju huwa kontra li jkunu installati humps filwaqt li jemminx li t-talba tiġġustifika din il-hump. |
| 3129 | Talba biex Triq G Stivala (bejn il-kappella u l-mithna) ssir one-way | Giuseppe Stivala | Centru | **Ara kumment fi 3545** |
| 3132 | Talba biex jitwahhal bin mal bus stop quddiem no 15 biex l-iskrt ma jimblukkax il-kanal tal-ilma | 21 Ta' Settembru | Centru | Il-Kunsill jaqbel li kull fejn hemm bus stop għandu jkun hemm litter bin possibilment żgħir. Il-Kunsillier Galea għandu jindaga fuq litter bins simili li twaħħlu l-Furjana u l-Ħamrun ħalli possibilment isiru bħalhom jekk il-prezz ikun raġonevoli. Jekk le jitwaħħlu bins li aktarx għandna żejda mis-suwed. |
| 3558 | Talba biex isiru road humps fit-Triq. (Dawn kienu tnehhew daqs 10 snin ilu) | Santa Lucija | Centru | Il-Kunsill iżomm mad-deċiżjoni tat-tneħħija oriġinali tal-hump u għalhekk ma jaqbilx li għandu jerġa jagħmilha. |
| 3569 | Talba biex issir "Disable Bay" mal-genb tal-knisja hdejn iz-zebra crossing | Toni Bajjada | Centru | Il-Kunsill ma jaqbilx għar-raġuni li fiż-żona hemm ir-residents parking scheme u li fiha blue sticker holders jistgħu jipparkjaw bla limitu. |
| 3577 | Talba biex jitnehhew il pots u minn flok jitpoggew sigar tar rand. Kummenti u ritratti anness | Toni Bajjada | Centru | Il-Kunsill ma jaqbilx mat-talba għaliex jistgħu jinħolqu inkonvenjenzi lil min juża l-inħawi, kif ukoll lin-negozji u każini tal-madwar. |
| 3638 | Talba ghal bollard/ barrier fuq il banika qabel sqaq nr. 1 immarkat fuq is-site plan | Santa Lucija | Centru | Minħabba nuqqas ta' spazju fuq il-bankina, mhux possibli li ssir. Il-bankina diġà hija dejqa u normalment ir-regolamenti għal dawn il-bollard/barriers jitolbu li jkun hemm distanza mit-tarf tal-kurduna l-ġewwa. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3727 | Talba ghal road hump fit-triq minhabba l-ammont ta' traffiku li qieghed jghaddi mit-triq. It-talba hija biex dawn ikunu installati vicin il-f/h Nru 5 u dik Nru 7. Il-wiesa tat-triq hija 3.37m u 3.57m.Ara siteplan annessa. | Santa Klara | Bahar ic-Caghaq | Minħabba li t-triq hija dejqa ħafna u minħabba li jkun hemm ammont ta' persuni jippassiġġaw, kemm-il darba l-Kunsill għandu dawn it-tip ta' humps, għandha tintlaqa' t-talba għal hump waħda. |
| 3755 | suggeriment biex 1 minn 2 mid-doggy bins fi Triq il-Katakombi jitpogga fl-inhawi ta Triq il-Barrakki tal-Melh | Katakombi | Salina | Jekk verament hemm żewġ doggy bins fi triq waħda allura l-Kunsill jaqbel li waħda minnhom għandha tinqala u titpoġġa fi Triq il-Barrakki tal-Melh. |
| 3889 | Talba ghal unloading bay quddiem l-ispizjar fi vjal il-21 ta' Settembru. Allegatament qed ikollhom problemi biex issirilhom konsenja tal-istock minhabba problemi ta parkegg | 21 Ta' Settembru | Centru | Il-Kunsill ma jħossx li t-talba hija ġustifikata għaliex teżisti un/loading bay fil-viċin. |
| 3922 | Talba biex jitpogga doggy bin fil-post fejn immarkat fuq il-pjanta annessa | Sir W. Jervois | San Pawl tat-Targa | Il-Kunsill jaqbel li jitpoġġa d-doggy bin fejn mitlub. |
| 3927 | Talba biex tickien traffic island quddiem RC world bix tonqos il kongestjoni meta jghaddu tal-linja | San Gorg | Centru | Il-Kunsill ma qabilx li għandha tiċkien it-traffic island |
| 3930 | Suggeriment bix ma jithalliex isir parkegg fi sqaq 6 li ghadu kemm inkesa imma jithalla access ghall-garaxx u emergency vehicles | Vittorja (Sqaq Nru. 6) | Centru | Il-Kunsill jaqbel iżda t-tabella għandha tkun ċara li ħadd ma jista' jħalli l-karozza fl-isqaq. Is-sid tal-garaxx ukoll għandu jkun infurmat li jidħol biss biex idaħħal il-vettura fil-garaxx. |
| 3931 | Talba ghal tabella biex jngabar il-hmieg tal-klieb | Ta' Mezzi | Sghajtar | Il-Kunsill qabel li ssir it-tabella mitluba |
| 3935 | Talba ghal traffic mirror faccata ta' Triq ir-Ramla li saret traffikuza u perikoluza habba l-progett ta' Triq il-Kosta | Kappella ta' Santa Marija | Maghtab | Għandhom jintbagħtu l-ewwel il-ħaddiema biex jivverifikaw fuq il-post għaliex il-Kumitat huwa xettiku kemm hemm bżonn. Jemmen li meta tasal biex tara l-mera, wieħed ikun diġà ħareġ biżżejjed il-barra biex jara min ikun ġej. |
| 3976 | Talba biex tigi kkunsidrata hump. Rikjesta annessa | Imdawra | Maghtab | Il-Kunsill fil-prinċipju huwa kontra li jkunu installati humps aktar u aktar meta triq hija diġà pjuttost imħarbta u għalhekk is-sewqan ma jkunx eċċessiv. |
| 3983 | Talba biex jitwahhlu 2 bins ma kull bus stop kif indikat fil-pjanta annessa | San Pawl | San Pawl tat-Targa | Il-Kunsill jaqbel li kull fejn hemm bus stop għandu jkun hemm litter bin possibilment żgħir. Il-Kunsillier Galea għandu jindaga fuq litter bins simili li twaħħlu l-Furjana u l-Ħamrun ħalli possibilment isiru bħalhom jekk il-prezz ikun raġonevoli. Jekk le jitwaħħlu bins li aktarx għandna żejda mis-suwed. |
| 3999 | Talba ghal 2 tabelli 'Clean After Your Dog', wahda fuq kull naha tat-triq (ara l-pjanta annessa). | San Injazju Ta' Loyola | Centru | Il-Kunsill qabel li jsiru t-tabelli mitluba |